KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 2 Tnejn 8 ta' Lulju 2019

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:30 ta' filgħaxija.

## PREŻENTI:
Romilda Baldacchino Zarb – Sindku
Christopher Grech – Viċi-Sindku
Francis Deguara – Kunsillier
Rachel Abela – Kunsillier
Shirley Abela – Kunsillier
Aiken Zerafa – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Mario Victor Camilleri – Kunsillier
Joseph Edward Howard – Kunsillier
Mikhail Micallef -Kunsillier

## ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Keith Cassar - Kunsillier
Angele Rapa - Kunsillier
Joseph Gatt- Kunsillier

## ASSENTI

## UFFIĊJAL PREŻENTI:
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti
Is-Sindku Romilda Baldacchino Zarb ippresediet l-laqgħa.

**2.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġiji, ta' Keith Cassar, Angele Rapa u Joseph Gatt. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittri ta' apoloġiji.

2.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 1
Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 1.

2.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza

2.3.1 Korrispondenza – Email -Ta Xkora Mosta Traffic Management System
Il-Viċi Sindku ressaq ilment min residenti ta' Triq il-Kaħwiela u Triq it-Tengħud tax-Xagħri, fejn uħud talbu li dawn jsiru *one-way.* Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kienet saret laqgħa

pubblika mar-residenti fis 27 ta' Marzu 2017, fejn il-maġġoranza kienu vvutaw kontra. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ħa tibgħat il-korrispondenza lil Viċi Sindku.
L-membri preżenti qablu li ssir laqgħa pubblika oħra, fejn terġa tintbgħat ittra lir-residenti biex issir laqgħa pubblika oħra.

2.3.2 Korrispondenza – Email-Sublease tat-Tarġa
Il-Membri preżenti qablu li ssir is-sub-lease. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa ddur il-kuntratt biex tikkonferma li huwa teknikament korrett.

2.3.3 – Korrispondenza – Triq Fabrizio Bartolo
Is-Sindku ressqet ilmenti varji min residenti li joqgħodu fi Triq Fabrizio Bartolo, wara li din it-triq riċentement tneħħiet il-*bollard,* u issa qed jgħaddu l-vetturi minna.
Il-membri preżenti uninmament qablu li ssir laqgħa pubblika mar-residenti fil-15 ta' Lulju.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa titlob lil-Transport Malta biex jtuna permess ngħamlu din it-triq *one-way* miż-żewġ naħat temporanjament, sakemm issir il-laqgħa pubblika.

2.3.4 – Kommunikazzjoni -Infurzar re: coaches fil-Pjazza tal-Mosta
Il-Viċi Sindku nforma li qed jkun hemm *chaos* ta' traffiku meta jiġu *coaches* bit-turisti, fejn qed joħolqu konġestjoni tat-traffiku.
Il-membri preżenti qablu biex ssir laqgħa mal LESA, l-Pulizija u l-Arċipriet.

2.3.5 – Kommunikazzjoni mis-Sindku- Issue dwar is-Sala Tal-Kunsill
Is-Sindku nfurmat li l-AC's tas-sala huma antiki u mhux qed jaħdmu. Għalhekk hemm bżonn li nitolbu kwotazzjonijiet biex jinbidlu. Il-Viċi Sindku talab biex jkun Engineer li jikkonferma it-*technical specifications*, imbgħad nitolbu l-kwotazjonijiet.

Il-membri preżenti talbu lista ta' min qiegħed jgħamel użu b'xejn mis-sala tal-komunita.

2.3.6 – Kommunikazzjoni mis-Sindku - Stimi tal-avviżi tal-Kunsill Annwal tas-Soċjeta Piroteknika 15 ta' Awwissu
Is-Sindku nfurmat li l-istimi annwali biex nirreklamaw mal-għaqdiet huma ta' 100/150 Ewro għal-paġna sħiħa bil-kulur. Għalhekk, is-Sindku proponiet li l-Kunsill jirreklama għal-150 Ewro ma l-għaqdiet kollha fl-annwal tagħhom.

Il-membri preżenti qablu unanimament, biex nirreklamaw ma l-għaqdiet kolla.

2.3.7 – Kommunikazzjoni mis-Sindku -SPI.SCI.9.2019 C.Care Project -Skema ta' Finanzjament għall-Gvern Lokali għall-Kura tal-Annimali fil-Komunita'
Is-Sindku nfurmat li l-Kunsill ħa japplika għal dan il-proġett din il-ġimgħa fejn fadal niġbru żewġ kwotazjonijiet. Il-fondi ta' din l-iskema ħa jmorru lejn *neutering,* ikel u mediċini, fejn il-Kunsill ħa jibbenefika min 8,000 Ewro, u l'2,000 Ewro tkun spiza għal-Kunsill.

Il-membri preżenti qablu unanimament.

2.3.8 – Kommunikazzjoni mis-Sindku -Skema Finanzjarja Żvilupp ta Libreriji Lokali Reġjonali f'Ċentri
Is-Sindku nfurmat li għad trid taħdem fuqa, u ser titella fil-laqgħa li jmiss.

2.3.9 – Kommunikazzjoni mis-Sindku – Firengine għall-Festa ta Santa Marija

Il-membri preżenti qablu unanimament, biex bħas-snin ta' qabel li nħallsu għas-servizz tal-*firengine* meta jsir in-nar ta' l-art u ta' l-ajru.

Il-membri preżenti qablu unanimament.

2.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

2.4.1 Patching

Il-Viċi Sindku talab biex qabel ma jitkompla ix-xogħol jiġi stabbilit sistema għax jemmen li x-xogħol mhux qed jsir sew.

Sakemm jsiru l-laqgħat mal-kuntratturi kollha, il-handyman tal-Kunsill ħa jintalab biex jiċċekja x-xogħolijiet tal-patching biex niżguraw li x-xogħol qed jsir sew.

2.4.2 Triq Apap Bologna

Il-Kunsillier Deguara ressaq talba min residenti ta' Triq Apap Bologna biex issir *one-way.*
Il-Viċi Sindku ħa jlesti pjanta biex jara min liema parti l-aħjar tiġi *one-way*. Kif is-Segretarju Eżekuttiv tirċievi l-pjanta, tibgħat lir-residenti għal-kummenti tagħhom, imbagħad għal-approvazzjoni ta' Transport Malta, jekk il-Kunsill ma jirċeviex oġġezzjonijiet mir-residenti.

2.4.3 Fanali Antiki

Il-Kunsillier Deguara ressaq talba min residenti li jgħixu fi Triq il-Qasira, biex jsiru l-fanali antiki bħalma diġa sar.

Il-membri preżenti qablu biex inkomplu bil-proġett u nerġaw napplikaw għad-Development Funds għal-fanali antiki f'dawn it-toroq.

- Triq il-Kurat Calleja inkluz zewg sqaqin li hemm f'din il-pjazza
- Triq il-Ġnejna (remaining part)
- Triq Brittanja
- Triq Wata
- Triq Dun Mikiel Xerri
- Sqaq Dun Mikiel Xerri
- Triq San Silvestru (sqaq biss)
- Triq il-Mitħna l-Qadima
- Triq l-Isperanza (fejn hi pavimentata sa tarf Triq il-Kbira)
- Triq it-Torri
- Triq Stivala sa Statwa ta San Gużepp
- Main Street minn San Gużepp sal-Pjazza
- Main Street mill-pjazza sa tarf Vjal l-Indipendenza
- Triq il-Qasira

2.4.4 Triq il-Pizatur

Il-Kunsillier Deguara fakkar li kien bagħat ilment dwar Triq il-Piżatur, fejn is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil Kunsillier Deguara li din it-triq taqa' taħt ir-responsabilta tal MIP.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil membri preżenti, li l-MIP ma jridux jieħdu responsabilta taż-żoni li jaqaw taħt ir-responsabilta tagħhom, avolja kienu ġew mwissijja mid-Direttur tal-Gvern Lokali, kif wkoll il-liġi xi tgħid. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-Atti Cap. 363 tal-Kunsilli Lokali

hija ċara, fejn jidħlu *boundaries* tal-lokalitajiet, liema *boundaries* tal-lokalitajiet huma pubbliċi fuq is-sit elettroniku tal-Gvern.

Il-*boundaries* tal-lokalitajiet kolla huma stipulati mil-Parlament ta' Malta, u huwa l-Parlament biss li jista jibdilhom. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tibgħat il-korrispondenza lil Kunsilliera preżenti.

### 2.4.5 Bollards
Il-Kunsillier Deguara fakkar li kien bagħat ritratt ta' żewġ *bollards* fi triq il-Qalbiena Mostin. Is-Segretarju Eżekuttiv fittxet l-*email*, fejn il-*handyman* tal-Kunsill kien mar jiċċekja, u kkonferma li huma tajbin u saru biex ma jitilawx karozzi fuq il-bankina. Jidher li dawn saru illegalment, u għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv ħa tibgħat tiċċekja hux vera illegali.

### 2.4.6 Monti
Il-Kunsillier Camilleri ressaq ilment mingħand resident fejn qed jilmenta, dwar il-*chaos* u l-ħmieġ li qed joħolqu il-bejjiegħa tal-monti, aparti l-iżgombru ta' passaġġi u bankini, fejn saħansitra darba fost l-oħrajn l-anqas ambulanza ma setgħet tgħaddi.

Il-Kunsillier Camilleri qal li-residenti qed jitolbu li jew il-monti jinstabilhom post ieħor, jew ta' l-inqas il-bankini ma jibqawx jiġu ngumbrati. Għalhekk, hemm bżonn li ssir laqgħa mal-LESA u mal-Pulizija biex jsir l-*eforcement* neċessarju.

### 2.4.7 AC's fil-librerija
Il-Kunsillier Micallef staqsa jekk jistawx jsiru l-AC's fil-librerija. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li dawn ħa jsiru u għad irridu niġbru l-kwotazjonijiet.

### 2.4.8 Triq it-Tabib Chetcuti
Il-Kunsillier Micallef ressaq ilment biex MC bay li tinsab f'din it-triq titneħħa u ssir *parking bay* għal-karrozza, peres li hemm MC bay oħra.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tiċċekja mal-*handyman* tal-Kunsill, biex naraw xi spazju hemm biex jinbiddel għal-*parking bay* ta' vettura.

### 2.4.9 Triq Patri Ġużè Delia
Il-Kunsillier Micallef ressaq ilment fejn parti min din it-triq hija wiesgħa u parti tingħalaq. F'din it-triq hemm garaxx li jkun hemm karozzi pparkjati u sid il-garaxx ma jkunx jista joħroġ.
Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lil Kunsillier biex jinforma lir-resident biex jiġi japplika l-uffiċini tal-Kunsill, u l-istess talba tintbgħat lil Transport Malta għal-approvazzjoni.

### 2.4.10 Triq il-Ħtajriet
Il-Kunsillier Micallef nforma li hemm tabella mgħotijja b'siġra, liema siġra għanda bżonn tinżabar biex terġa tinkixxef it-tabella. Il-Kunsillier Micallef ħa jingħat ir-ritratt biex ngħadduħ lil kuntrattur, ħalli jiżbor mad-dawra tat-tabella.

### 2.4.11 Triq l-Għerien tal-Wied
Il-Kunsillier Micallef nforma li f'din it-triq hemm nuqqas ta' dawl. Is-Segretarju Ezekuttiv ħadet nota biex naraw x'jista jsir.

### 2.4.12 Mera

Il-Kunsillier Zerafa nforma li hemm garaxx li għandhom bżonn mera biex jkunu jistaw joħorġu. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li każijiet bħal dawn huwa r-resident li jrid jgħamel il-mera, u jitlob permess lis-sid tad-dar jekk ħa jwaħħala ma faċċata ta' proprjeta ta' terzi.

### 2.4.13 Triq Kungress Ewkaristiku

Il-Kunsillier Zerafa nforma li d-dawl huwa baxx. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li din triq arterjali u responsabilta ta' l-Enemalta. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex ninfurmaw lil Enemalta, u nfurmat lil Kunsillier Zerafa li id-dwal tat-toroq l-Enemalta qed jibdluhom f'LED's u jista jkun li għalhekk id-dawl huwa baxx.

### 2.4.14 Ordnijiet ta' xorb u ikel

Il-Kunsillier Zerafa talab biex nagħtu *business* lil Mostin u nordnaw min għandhom meta jkun hemm xi avveniment. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li dejjem hekk jsir.

### 2.4.15 Blata l-Għolja

Il-Kunsilliera Shirley Abela nfumat li t-tabella li tindika l-Blata l-Għolja hemm bżonn li tinqala' min fejn hi għax mgħotijja bil-ħaxix. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota.

### 2.4.16 Lifts Housing Estate.

Il-Kunsilliera Rachel Abela nfurmat lil membri preżenti, li jekk jkun hemm min jistaqsi dwar il-lifts tal-housing estates, ħareġ it-tender u ma ħadu ħadd, u għalhekk ħa jerġa joħroġ tender ieħor.

### 2.4.17 Dokumenti tal-laqgħat

Il-Kunsilliera Bonnici ssuġeriet biex ma nibqawx nipprintjaw id-dokumenti tal-laqgħa, peress li dawn l-istess dokumenti qed jintbgħatu diġitali lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa.

Għalhekk talbet biex min jrid jipparteċipa jgħati ismu. Il-Kunsilliera Bonnici, Micallef u Camilleri talbu biex għal-laqgħat tal-Kunsill id-dokumenti tagħhom ma jkunux iprintjati.

### 2.4.18 Dekasteri

Il-Kunsilliera Bonnici talbet biex id-dekasteri jiġu mtella fuq il-*website* tal-Kunsill, Facebook u fil-gazetta Mosta Solidali.

### 2.4.19 Triq Kurat Schembri u Triq il-Paroċċa

Il-Kunsilliera Bonnici qalet li ħa tibgħat email rigward dawn iż-żewġ toroq fejn qed jkun hemm problemi għax xorta jibqgħw jidħlu vetturi, ipparkjar bl-addoċċ fejn wkoll qed jgħalqu lir-residenti u sigurta.

### 2.4.20 Zumba

Il-Kunsilliera Bonnici talbet biex ninfurmaw lil min qed jgħamel il-*classes* taz-Zumba, biex dawn jżommu il-volum tal-mużika baxx, għax qed jkun għoli ħafna u jinstema min fejn l-istabiliment Sofra.

### 2.4.21 Organic

Il-Kunsilliera Bonnici ssuġeriet biex il-borza ta' l-organic tibda tinġabar filgħaxija.
Dan is-suġġeriment ħa jiġi diskuss mal-kuntrattur meta jkollna laqgħa.

### 2.4.22 Triq Mattew Callus

Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li din kienet ġiet diskussa fil-leġiżlatura ta' qabel imma l-Kunsill ma kienx ħa *stand* fuqa, fejn fi Triq Mattew Callus kien hemm żewġ bollards li saru illegalment min xi resident. Il-Kunsilliera Bonnici qalet li Transport ma jsibux oġġezzjoni u li sta għad-deċizjoni tal-Kunsill jekk isirux. Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li sidien ta' garaxijiet ma jkunux jistaw joħorġu bil-karozzi ipparkjati. Il-Kunsillier Camilleri ikkonferma li hemm *nurse* li taħdem *on-call 24x7*, u jkollla problemi biex toħroġ.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota, biex ninfurmaw lil Transport Malta.

### 2.4.23 Żbir ta' Siġar

Il-Viċi Sindku talab biex jsir iż-żbir tas-siġar qabel il festa, fejn dan jrid jsir żabra sew qabel it-8 ta' Awwissu. Kif wkoll, żbir fi Triq Valletta.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tinforma lil kuntrattur, u lil ELC għal-żbir fi Triq Valletta li hija triq arterjali.

### 2.4.24 Triq il-Għasel

Il-Kunsillier Deguara staqsa li kien ġie deċiz biex parti min din it-triq jkun hemm tabella *no left turn* għal ġo triq l-Għadajjar min Triq il-Għasel. Is-Segretarju nfurmat li l-*job list saret* u ħa tikkonferma lura f'hiex waslet.

## 2.5 Rapporti

### 2.5.1 PC/0021/19- Land known as tad-Dib, Triq Familja Cumbo, Triq il-Balatta, Triq Alofju Wignacourt, Triq il-Mitħna, Triq Durumblat and Triq it-Torri, Mosta

Is-Sindku nfurmat li wara li saret il-laqgħa mal-Perit tal-Kunsill u l-Kunsilliera, l-ittra li kienet ġiet draftjata u ċirkulata fost il-Kunsilliera, issa ġiet iffinalizzata biex tintbgħat lil Planning Authority.

Is-Sindku staqsiet jekk il-membri preżenti jixtiequx jżiedu xi ħaġa mar-rapresentazzjoni li lesta l-Perit tal-Kunsill. Il-membri preżenti qablu unanimament biex tintbgħat l-ittra ta' rappreżentazzjoni.

### 2.5.2 PC/36/2013- Site at ta' Mellu

Is-Sindku nfurmat li l-Viċi Sindku attenda għal-laqgħa tal-Planning Authority, u ġiet posposta ghat-22 ta' Lulju 2019.

### 2.5.3 Linji Gwida-Ġieħ il-Mosta

Is-Sindku nfurmat lil membri preżenti li ipreparat linji gwidi ġodda għal-Gieħ il-Mosta u Rikonoxximenti, fejn il-linji l-gwidi ħa tibgħathom lil Kunsilliera biex jibgħatu l-kummenti tagħhom. Din ħa tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

## 2.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni

### 2.6.1 Skeda ta' pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 92.
Il-membri tal-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' pagamenti datata 26 ta' Ġunju sat-8 ta' Lulju 2019.

### 2.6.2 Purchase Orders

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill Il-lista tal-purchase orders.

Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

### 2.6.3 Works Orders

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-works orders.

Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

### 2.6.4 Petty Cash

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill Il-lista tal-petty cash.

Il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu Il-listi tal-petty cash li tkopri xahar ta' Ġunju 2019.

## 2.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fid-9:00 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għat-22 ta' Lulju 2019 fis-6:30 p.m.

Konfermati llum 8 ta' Lulju 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Romilda Baldacchino Zarb | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |